**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Rosemarie Bondin

vs

Sghendo Woodworks

CCT 23/17/MS
30 ta' April 2018

Ra l-avviz tar-rikorrentiipprezentat fit-30 ta' Jannar 2017 fejn talbet il-hlas/rifuzjoni ta' elf Euro (€1,000) minghand l-intimat ghal xoghol tal-injam fil-kcina u l-kamra tas-sodda ordnata minnha, liema xoghol, skond ir-rikorrenti ma kienx a sodisfazzjon taghha.

Ra r-risposta ipprezentata mill-intimat fil-15 ta' Frar 2017, fejn cahad it-talba tar-rikorrenti peress illi x-xoghol sar kif ordnat mill-istess rikorrenti u konfermat mir-rapprezentant taghha.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Sema x-xhieda bil-gurament.

Ikkunsidra

Illi f'xi zmien fis-sena 2016, ir-rikorrenti ordnat kcina kif ukoll kamra tas-sodda minghand l-intimat. Dan ix-xoghol gie ezegwit fi stadji differenti. Il-kcina giet installata f'Lulju 2016 u r-rikorrenti qed tilmenta illi l-intimat ma uzax l-ispazji kollha disponibbli, per ezempju insistiet illi riedet *sink double bowl* bid-*drain* izda fil-fatt gie installat wiehed zghir minghajr drain. Qalet ukoll illi meta kien qed issir il-kejl mill-intimat kemm hi kif ukoll it-tifla taghha Christine Bellizzi kienu prezenti. Ir-rikorrenti tghid li ma kienx minnu illi t-tifla taghha tat l-awtorizazzjoni sabiex issir ix-xoghol u li dan kien sar sew kif kien qed jallega l-intimat.

Fuq il-kamra tas-sodda jidher illi mhemmx kwistjoni fuq il-gwardarobba peress illi fix-xhieda taghha fis-seduta tat-8 ta' Mejju 2017 ir-rikorrenti tghid "*Il-bedroom kellu jaghmilli gwardarobba double hanging li ma nista' nghid xejn fuqu*". Pero' tghid illi l-kxaxen tal-gradenza ma kellhomx support bizzejjed fuq in-naha ta' wara peress illi l-hwejjeg kienu qed

jaqghulha. Kienet dizappuntata wkoll illi x-xoghol tal-kcina u tal-kamra tas-sodda ma gewx fl-istess vjagg.

Mill-atti jirrizulta illi fl-24 ta' Marzu 2016 ir-rikorrenti hallset depozitu *cash* ta' €560.00 fuq il-kamra tas-sodda. Hemm hlas ukoll fid-19 ta' Lulju 2016 ghall-ammont ta' €2,040 mahrug fuq cekk ta' kont ta' bintha Dr. Christine Bellizzi. Fl-atti hemm ukoll nota (Dok A) datata 1 ta' Settembru 2016 fejn jidher illi sar pagament ta' €1,242.40 ghall-*bedroom furniture* li kien ordnat fl-24 ta' Marzu 2016. Ma' dan il-pagament sar iehor ta' €280.00 ghall-*washing machine unit.* B'kollox allura ghal *bedroom* u ghal kcina ir-rikorrenti hallset €4,122. Minn dan, ir-rikorrent qed titlob rifuzjoni ta' elf Euro (€1,000).

Illi Dr. Christine Bellizzi bint ir-rikorrenti, prodotta mill-azjenda intimata bdiet biex tghid li kienet hi li rrakomandat lill-azjenda intimata biex jaghmlu xoghol ghal ommha wara li l-istess azjenda ghamlet xoghol fl-ufficju taghha. Is-sur Sghendo gie fuq il-post fil-presenza taghha u tar-rikorrenti. Filwaqt li rrikonnoxew li l-ispazju tal-kcina hu zghir, is-sur Sghendo ha l-qisien u flimkien iddiskutew kif kellha tigi l-kcina. Peress illi r-rikorrenti kienet ser issiefer f'Lulju 2016 u peress illi kien hemm xi xogholijiet ohra ta' tibdil tal-madum tal-hajt, tal-art u *plumbing*, Dr. Bellizzi offriet li tikkoordina kollox. L-ghada li r-rikorrenti siefret, is-sur Sghendo ha l-ahhar qisien u ikkoordina mal-*plumbe*r u l-*electrician.*

Tkompli tghid *"originarjament kien mahsub li kien ser ikun hemm a double bowl and drain sink, pero meta gie dakinhar u rajna l-ispazju li kien hemm meta qlajna l-madum, rajna li mhux possibbli li jidhol double bowl and drain. Dommna hafna nippruvaw naraw jekk nistghux naghmluha u fil-fatt ma stajniex. Jien hadt ir-responsabbilta' tad-decizjoni u ordnajt a double bowl minghajr drain."*

Dr. Bellizzi riedet li kollox jitlesta qabel ma tigi ommha u d-decizjoni tas-*sink* haditha meta ommha kienet imsiefra u ghalhekk ma kenitx taf bid-decizjoni li hadet. Tghid ukoll li kien ferm difficli li tahdem f'dik il-kcina ghax kienet zghira pero ommha, ir-rikorrenti, kienet taf illi hi kienet qed tiehu hsieb l-affarijiet. Il-kcina giet installata fil-11 ta' Lulju 2016 u kull ma kien jonqos kien li jsir l-i*splashback* li ma sarx peress li l-ewwel kellu jsir il-madum tal-hajt. Dan il-madum u l-*isplashback* saru u fid-19 ta' Lulju Dr Bellizzi hallsitu ghax-xoghol li ghamel.

Tghid li meta ommha giet lura mis-safar bdiet tilmenta fuq xi affarijiet fosthom li *cupboard* minnhom kien iqsar minn *tall-unit* u li l-*plinth* ta' dan il-*unit* kien ta' materjal differenti mill-*units* l-ohrajn. Dr. Bellizzi ppruvat tispjega lill-ommha li kienu ddiskutew kollox flimkien inkluz kemm kellu johrog il-barra l-*unit* gol-passagg li jaghti ghal kcina. Kien ghalhekk li dan il-*unit* gie ordnat bir-roti biex seta' jitmexxa dak il-ftit sabiex tohrog xi

*appliance*, u kien ghalhekk ukoll illi l-*plinth* ma setax jitwahhal bl-istess mod minhabba r-roti. Jidher li f'dak l-istadju kien hemm argument bejn Dr. Bellizzi u ommha u fil-fatt issugeriet lil sur Sghendo li d-*deposit* li kellu ghal *bedroom* jehodhom bhala hlas ghas-saldu tal-kcina u l-affari tieqaf hemm. Dr. Bellizzi ma reditx tinvolvi ruhha aktar fil-kwistjoni u l-anqas fix-xoghol tal-*bedroom* avolja kienet originarjament involvuta kemm fl-isketch kif ukoll fil-hlas ta' depozitu.

Illi l-intimat Alexander Sghendo jikkorobora dak illi qalet Dr. Bellizzi: il-kcina kienet kamra zghira u dina kienet iggib il-limitazzjonijiet taghha tant illi meta mar biex ikejjel l-ewwel darba fil-presenza tar-rikorrenti u Dr. Bellizzi, dan ma setax issir bl-ezatt minhabba xi affarijiet fil-kamra. Pero rega' mar it-tieni darba meta nqala' l-madum u l-kejl seta' jittiehed bil-preciz. Pero' x-xoghol xorta baqa' delikat minhabba c-cokon tal-kcina. Fuq il-kwistjoni tas-*sink* ighid li kien iddiskuta ma' Dr. Bellizzi il-kobor tieghu peress illi ma kienx ser ikun hemm spazju bizzejjed u kien ghalhekk li kellu jcekken u jbiddel is-*sink*. Ikompli ighid *"jiena dejjem gibt il-konferma minghand Dr. Bellizzi."* Fuq il-kwistjoni tal-*unit*, ir-rikorrenti ma ghogobhiex il-fatt li dan kien fuq ir-roti u l-intimat accetta li jbiddel il-*unit* kif reditha hi, minhajr hlas. Dana sar u skond hu r-rikorrenti kienet kuntenta.

Ikkunsidra

Jibda biex jinghad illi r-rikorrenti qed titlob rifuzjoni ta' elf Euro (€1,000), pero ma gabet l-ebda prova kif u ghaliex ikkwantifikat dan l-ammont u kemm bhala ammont kellu jmur ghal kamra tas-sodda u kemm kellu jmur ghal kcina. Nafu illi hallset circa €1,802 ghal kamra tas-sodda u xi € 2,320 ghall-kcina. Ir-rikorrenti pero mhijiex qieghda tilmenta fuq il-kwalita' tax-xoghol (hlief forsi ghal kxaxen tal-gradenza li ma kellhomx il-wara gholi bizzejjed), izda li l-kcina giet zghira wisq mehud l-ispazju disponibbli.

L-intimat mar mill-anqas darbtejn biex ikejjel - darba minnhom fil-presenza tar-rikorrenti meta l-kejl ma setax jittiehed bil-preciz u darb'ohra fil-presenza ta' Dr. Bellizzi meta l-kejl ittiehed bil-preciz. L-intimat u Dr. Bellizzi kienu f'kuntatt kontinwu waqt li kien qed issir ix-xoghol u l-intimat dejjem qaghad fuq l-istruzzjonijiet tal-istess Dr. Bellizzi li kienet assumiet ir-responsabbilta' tal-esekuzzjoni tax-xoghol tal-kcina fl-assenza ta' ommha. Kollox kien lest u mhallas ghal dak li jirrigwarda l-kcina meta ommha giet mis-safar, izda hemmhekk beda l-inkwiet ghax ommha ma kenitx kuntenta bil-qisien tax-xoghol kif gie ezegwit u minkejja li Dr. Bellizzi ippruvat tfehmha li ma kienx hemm mod iehor kif kellha tigi l-kcina, r-rikorrenti webbset rasha sakemm fl-ahhar spiccat tirrikorri ghal dan it-Tribunal.

Ikkunsidra

Illi fl-isfond ta' dawn ir-rizultanzi, it-Tribunal difficli jsib kif jista' jiccensura lill-intimat. Dan hadem dejjem fuq struzzjonijiet u bil-kooperazzjoni ta' bint ir-rikorrenti li riedet tlesti x-xoghol kollu tal-kcina qabel ommha tigi mis-safar, biex b'hekk tkun hellsitha mill-ingombru li dan it-tip ta' xoghol iggib. Jekk kien hemm xi malintiz dana kien bejn ir-rikorrenti u bintha ghax l-intimat dejjem hadem bil-kooperazzjoni ta' bintha debitament awtorrizat u fil-limitazzjoni tac-cokon tal-kamra. Fuq dan ix-xoghol it-Tribunal ma jsib xejn hazin, u jekk kien hemm xi haga li ma kenitx flokha (bhal kwistjoni tar-roti taht il-unit) kull sforz sar biex tigi solvuta kif fil-fatt sar.

Illi fuq il-kwistjoni tal-gradenza, it-Tribunal, issib l-ilment tar-rikorrenti pjuttost fieragh. Mir-ritratti esebiti jidher ukoll li r-rikorrenti ghabbiet il-kxaxen mhux hazin. b'mod allura li l-hwejjeg gholew aktar mill-ispazju disponibbli ghalihom u ghalhekk ma tistax tara x hemm u x'mhemmx fuq wara. Pero' li huwa zgur illi meta tghabbi l-hwejjeg b'dak il-mod facli illi xi haga taqa' fuq in-naha ta' wara, anke jekk dan ikollu dahar. Skond il-prassi tas-sengha kxaxen jinhadmu b'tali mod li n-naha ta' wara ikun anqas gholi mill-quddiem u jzomm l-istess livell tal-gnub kif jidher fir-ritratt. Dan ma jfissirx illi x-xoghol ma sarx skond l-arti u s-sengha jew li li hemm xi diffett fil-manifattura. Stivar ahjar u aktar bil-galbu tal-hwejjeg kienet issolvi l-problema. Mehud kont id-deskrizzjoni tax-xoghol tal-kamra tas-sodda (Dok CB) mal-ammont li hallset, ir-rikorrenti ghamlet akkwist tajjeb u ghalhekk l-ilmenti taghha ma jisthoqqx li jkunu milqugha.

Ghal dawn il-motivi it-Tribunal jaqta u jiddeciedi illi jichad it-talba tar-rikorrenti. Bl-ispejjes kontra taghha.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru